**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0533/2021**

19.10.2021

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-kriżi tal-istat tad-dritt fil-Polonja u l-preċedenza tad-dritt tal-UE
(2021/2935(RSP))

**Gunnar Beck, Jaak Madison, Gerolf Annemans, Laura Huhtasaari, Gilles Lebreton, Jörg Meuthen, Tom Vandendriessche, Harald Vilimsky**
f'isem il-Grupp ID

**B9-0533/2021**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kriżi tal-istat tad-dritt fil-Polonja u l-preċedenza tad-dritt tal-UE**
**(2021/2935(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra s-sentenza K 3/21 tat-Tribunal Kostituzzjonali Pollakk tas-7 ta' Ottubru 2021, ippubblikata fil-gazzetta uffiċjali tal-Polonja, id-*Dziennik Ustaw*, fit-12 ta' Ottubru 2021,

– wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Federali Ġermaniża (GFCC) tal-5 ta' Mejju 2020, 2 BvR 859/15, 2 BvR 1651/15, 2 BvR 2006/15, 2 BvR 980/16,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 2004-505 DC tad-19 ta' Novembru 2004 tal-Kunsill Kostituzzjonali Franċiż,

– wara li kkunsidra l-kawżi C-6/64, *Costa* vs *Ente Nazionale per L'Energia Elettrica (E.N.E.L.)*[1], C-106/77, *Simmenthal II*[2] u C-106/89 *Marleasing*[3],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-8 ta' Ottubru 2021 tal-President tal-Kummissjoni,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tad-19 ta' Ottubru 2021 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-kriżi tal-istat tad-dritt fil-Polonja u l-preċedenza tad-dritt tal-UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-sentenza K 3/21 tat-Tribunal Kostituzzjonali Pollakk sabet li d-dispożizzjonijiet tat-TUE huma inkompatibbli mal-Kostituzzjoni Pollakka minħabba għadd ta' raġunijiet; billi dan iwassal għall-kwistjoni tal-ġerarkija bejn id-dritt tal-UE u d-dritt kostituzzjonali tal-Istati Membri;

B. billi, b'konsegwenza ta' dan, id-duttrina tal-primat tad-dritt tal-UE, li toriġina mill-imħallfin u li ma għandhiex status sħiħ tat-Trattat, hija, fi kwalunkwe każ, limitata għal dawk l-oqsma tal-liġi li ngħataw lill-istituzzjonijiet tal-UE f'konformità mal-Artikolu 5 tat-TUE;

C. billi f'*Costa* vs *E.N.E.L.*, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) sostniet li

[1] Is-sentenza tal-15 ta' Lulju 1964, *Flaminio Costa* vs *E.N.E.L.*, C-6/64, EU:C:1964.
[2] Is-sentenza tad-9 ta' Marzu 1978*, Amministrazione delle Finanze dello Stato vs Simmenthal SpA, C-106/77, EU:C:1978:49.*
[3] Is-sentenza tat-13 ta' Novembru 1990*, Marleasing SA vs La Comercial Internacional de Alimentation SA, C-106/89, EU:C:1990:395.*

"il-liġi li toħroġ mit-Trattat, ma tistax, minħabba n-natura speċjali u oriġinali tagħha, tkun suġġetta għal dispożizzjonijiet legali domestiċi, indipendentement minn kif ikunu fformulati, mingħajr ma tiġi mċaħħda min-natura tagħha bħala liġi komunitarja u mingħajr ma jitqajmu dubji dwar il-bażi legali tal-Komunità nnifisha";

D. billi l-Artikolu 5 tat-TUE jiddikjara li l-UE tista' teżerċita biss dawk il-poteri mogħtija lilha fit-Trattati mill-Istati Membri u li kwalunkwe poter mogħti b'dan il-mod tibqa' f'idejn l-Istati Membri;

E. billi l-Artikolu 267 tat-TFUE jiddikjara li l-ġuriżdizzjoni tal-QĠUE hija limitata għall-interpretazzjoni tat-Trattati tal-UE u l-leġiżlazzjoni kollha adottata permezz tagħhom; billi l-QĠUE ma għandha l-ebda ġuriżdizzjoni biex tinterpreta kwistjonijiet legali li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-poteri mogħtija skont l-Artikolu 5 tat-TUE;

F. billi huma l-Istati Membri li jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-poteri tal-UE skont l-Artikolu 5 tat-TUE, li, b'mod loġiku, jinkludi l-poter tal-qrati tagħhom li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-kompetenzi mogħtija fejn il-lingwa tat-Trattati tista' tkun ambigwa jew inkella impreċiża; billi l-qrati fl-Istati Membri għandhom il-poter li jirrieżaminaw kwalunkwe interpretazzjoni tal-QĠUE jekk interpretazzjoni bħal din testendi l-poteri tal-UE lil hinn minn dawk mogħtija b'mod ċar fit-Trattati (it-tfassil tal-liġi ġudizzjarja-jew akkumulazzjoni indebita ta' kompetenzi);

G. billi l-GFCC enfasizzat b'mod konsistenti n-nuqqas ta' leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-UE minħabba li l-popli tal-UE ma jirrappreżentawx demos komuni jew magħquda waħda; billi kull nazzjon fl-UE tabilħaqq jirrappreżenta demos bħal din minħabba l-istorja kondiviża, il-kultura komuni u l-lingwa tiegħu;

H. billi f'kunflitti bejn ordnijiet legali parzjalment integrati, iżda mhux kompletament, f'ħafna każijiet, ma jista' jkun hemm l-ebda ġustizzja jew soluzzjoni għal tali kunflitti, kif stabbilit minn G.W.F. Hegel; billi, minflok, tali kunflitti jistgħu jiġu solvuti biss mir-rieda espressa b'mod demokratiku tal-partijiet;

I. billi kwalunkwe riżoluzzjoni ta' inċertezza tad-dritt fil-formulazzjoni tal-poteri mogħtija lill-UE trid tkun fil-kompetenza tal-qrati nazzjonali; billi kwalunkwe ambigwità fil-formulazzjoni trid tkun għad-detriment tal-UE;

J. billi, b'referenda, id-Danimarka rrifjutat it-Trattat ta' Maastricht fl-1992, l-Irlanda rrifjutat it-Trattat ta' Nizza fl-2001, Franza u n-Netherlands irrifjutaw it-Trattat Kostituzzjonali fl-2005 u l-Irlanda rrifjutat it-Trattat ta' Lisbona fl-2008; billi, b'referenda, id-Danimarka rrifjutat l-euro fis-sena 2000, l-Iżvezja rrifjutat l-euro fl-2003, il-Greċja rrifjutat il-pakkett ta' salvataġġ fl-2015, id-Danimarka rrifjutat l-għażla f'ċerti oqsma ta' politika fir-rigward tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fl-2015, in-Netherlands irrifjutaw il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fl-2016 u l-Ungerija rrifjutat l-impożizzjoni ta' kwoti ta' refuġjati fl-2016; billi, b'referendum, ir-Renju Unit iddeċieda li joħroġ mill-UE fl-2016;

1. Jieħu nota tas-sentenza K 3/21 tat-Tribunal Kostituzzjonali Pollakk, li tirrifjuta l-kunċett tas-supremazija mhux ristretta tad-dritt tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-liġi kostituzzjonali Pollakka; jinsab imħasseb dwar ir-reazzjoni tal-President tal-Kummissjoni għal din id-deċiżjoni, li insista li "d-deċiżjonijiet kollha mill-Qorti

Ewropea tal-Ġustizzja huma vinkolanti fuq l-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri, inklużi l-qrati nazzjonali [u li] d-dritt tal-UE għandu prijorità fuq id-dritt nazzjonali, inklużi d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali"; ifakkar li qrati nazzjonali oħra kellhom ukoll xi dubji dwar il-primat tad-dritt tal-UE, inklużi l-GFCC u l-Kunsill Kostituzzjonali Franċiż;

2. Jinnota li jeżistu kemm kompetenzi tal-Unjoni kif ukoll kompetenzi tal-Istati Membri; ifakkar li l-kompetenzi tal-Unjoni huma rregolati mid-dritt tal-Unjoni; jenfasizza li l-kompetenzi tal-Istati Membri huma rregolati mil-liġijiet tal-Istati Membri rispettivi;

3. Jissottolinja li t-Trattati jirrikonoxxu li l-kompetenzi tal-Unjoni huma limitati; ifakkar li f'konformità mal-Artikolu 5 tat-TUE, il-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni huma rregolati mill-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi; jikkonkludi li fejn l-Unjoni ma ngħatatx kompetenzi, dawn il-kompetenzi jibqgħu f'idejn l-Istati Membri;

4. Jinnota li l-allegata supremazija tad-dritt tal-UE mhijiex imsemmija b'mod espliċitu fit-Trattati iżda biss f'dikjarazzjoni tagħhom, fejn hija deskritta bħala primat, mhux supremazija, li tissuġġerixxi li hija preżunzjoni konfutabbli, aktar milli ġerarkija assoluta, u li fi kwalunkwe każ trid tiġi interpretata f'konformità mal-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet reali tat-Trattat;

5. Ifakkar li kienet il-QĠUE f'*Costa* vs *E.N.E.L.* li kkonkludiet li d-dritt tal-UE huwa suprem; jinnota, madankollu, li, jekk wieħed jassumi li dan jiġi aċċettat, dan jista' japplika biss f'oqsma ta' kompetenza tal-UE; jenfasizza li s-supremazija tad-dritt tal-UE, kif iddikjarat f'*Costa* vs *E.N.E.L.* tapplika biss għal-liġi li ngħatat lill-UE fit-Trattati tal-UE u għalhekk biss f'oqsma ta' kompetenza tal-UE;

6. Iqis li huwa naturali, minħabba li l-liġi hija bbażata fuq il-lingwa u mhux fuq il-matematika, li jeżistu kunflitti dwar jekk ġietx mogħtija kompetenza lill-Unjoni, peress li t-trattati, li mhumiex aktar minn kuntratti, qatt ma jistgħu jkunu kompluti jew mingħajr inċertezza; iqis, għalhekk, li hemm oqsma ta' ambigwità inevitabbli dwar jekk il-qasam huwiex irregolat mid-dritt tal-Unjoni jew mid-dritt tal-Istati Membri rispettivi;

7. Ifakkar li l-qrati għandhom il-kompitu li jsolvu l-kunflitti li jirriżultaw mill-ambigwità tal-liġi u fiha; jirrifjuta l-affermazzjoni tal-UE li l-qrati tagħha għandhom isolvu kwalunkwe kunflitt dwar jekk ingħatatx kompetenza lill-UE; ifakkar lill-Unjoni li hija tikseb il-kompetenzi kollha tagħha mill-Istati Membri, li taw uħud mill-kompetenzi tagħhom lill-Unjoni;

8. Jinsisti li, f'oqsma ta' ambigwità, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk tawx kompetenzi lill-UE għar-raġunijiet li: i) din hija t-tifsira ordinarja tal-formulazzjoni tal-Artikolu 5 tat-TUE, u ii) kwalunkwe kapaċità min-naħa tal-qrati tal-UE li jiddefinixxu l-limiti tal-kompetenzi tal-UE tiftaħ il-bieb għal akkumulazzjoni indebita ta' kompetenzi, li mhijiex approvata b'mod demokratiku minn deċiżjonijiet delegati minn demos;

9. Iqis li hija biss ġuriżdizzjoni nazzjonali tal-aħħar istanza li tikkonforma mal-prinċipju tad-demokrazija fir-rigward ta' tilwim relatat mal-limiti tal-poteri tal-UE; jisħaq li l-akkumulazzjoni indebita ta' kompetenzi maħluqa mill-QĠUE tikser is-sovranità demokratika tal-Istati Membri; iwissi li, jekk l-UE kellha tuża l-kompetenzi, b'deċiżjoni tal-qrati tagħha, li ma jkunux ingħataw b'mod mhux ambigwu lill-Unjoni f'konformità

mal-liġijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri, hija tikser il-prinċipju tad-demokrazija;

10. Jirrikonoxxi li jistgħu jeżistu fehmiet kunfliġġenti dwar is-supremazija tal-liġi, kif muri mis-sentenza Pollakka; iqis li dawn il-kunflitti jistgħu de facto ma jkunux riżolvibbli jekk il-partijiet jinsistu li jkollhom is-supremazija huma stess mingħajr ma jqisu l-limiti tal-leġittimità demokratika tagħhom u l-limiti tal-poteri tagħhom kif definiti mit-Trattati, kif spjegat mid-dikjarazzjoni tal-President tal-Kummissjoni b'reazzjoni għas-sentenza msemmija hawn fuq; ifakkar li akkademiċi u filosfi fil-qasam legali bħal G.W.F. Hegel irrikonoxxew li l-kunflitti legali bejn l-atturi internazzjonali mhux dejjem jistgħu jkunu riżolvibbli fil-liġi iżda biss permezz tad-dikjarazzjoni tad-drittijiet sovrani tal-Istati;

11. Iqis li l-insistenza żbaljata tal-Unjoni dwar is-supremazija tal-liġi tagħha hija manifestazzjoni tar-rieda politika tagħha li twassal għal superstat tal-UE billi tuża s-sovranità sħiħa; jesprimi tħassib dwar l-aspirazzjoni li l-Unjoni tinbidel f'superstat b'superjorità ġerarkika tal-Unjoni fuq l-Istati Membri; ifakkar li l-Unjoni f'diversi okkażjonijiet wettqet sforzi simili; jesprimi tħassib serju dwar tali interferenza perpetwa f'oqsma ta' kompetenza tal-Istati Membri;

12. Jissottolinja li ma hemm l-ebda appoġġ demokratiku għal superstat tal-UE; ifakkar li l-elettorat f'għadd ta' Stati Membri rrifjuta l-bidliet fit-Trattat, kif ukoll it-Trattat Kostituzzjonali tal-UE; iqis li r-riżultati ta' dawn ir-referenda jindikaw b'mod ċar in-nuqqas kontinwu ta' appoġġ għal Stati Uniti sovrani u supremi tal-Ewropa; jissuġġerixxi li l-Istati Membri tal-UE jistgħu meta jridu jorganizzaw, jekk jixtieqū hekk, referenda nazzjonali dwar jekk iċ-ċittadini tagħhom jippreferux li l-UE tinbidel f'superstat sovran; jinnota bi ftit stagħġib li l-proċessi demokratiċi mhuma l-għodda ppreferuta ta' ebda sostenitur ta' superstat tal-UE;

13. Iwissi lill-Unjoni li t-tentattivi tagħha li toħloq superstat tal-UE permezz ta' mod indirett f'dak li huwa l-qasam ġudizzjarju jew fi kwalunkwe qasam ieħor imorru ħafna kontra d-demokrazija u se jwasslu għal konsegwenzi negattivi potenzjalment gravi, filwaqt li jipperikolaw il-ħbiberija u l-kooperazzjoni dejjiema bejn in-nazzjonijiet Ewropej; jopponi kwalunkwe pass mhux demokratiku bħal dan lejn superstat tal-UE jew kwalunkwe tnaqqir ulterjuri tas-sovranità tal-Istati Membri;

14. Ifakkar lill-UE li l-għoti ta' poteri lilha jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe ħin, peress li l-UE teżisti biss minħabba l-Istati Membri u mhux minkejja dawn; ifakkar fil-prinċipju demokratiku li l-Istati Membri huma sovrani minħabba l-poter mogħti lilhom miċ-ċittadini tagħhom; itenni li huma l-Istati Membri li huma sovrani u mhux l-UE;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.